IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 305 final

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti ta' Attività Annwali tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti ta' Attività Annwali tal-Istati Membri dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni:

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment sostnuti u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE[1] jipprevedi fl-Anness I li l-Istati Membri jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Attività sabiex ikun hemm iktar trasparenza fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew ibbażat fuq din l-informazzjoni.

Ir-rieżami annwali preżenti jkopri s-sena kalendarja 2016. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju, hija tikkonċerna attivitajiet ta' kreditu ta' esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, jiġifieri tranżazzjonijiet "fit-terminu medju u f'dak twil" b'perjodu għall-ħlas lura ta' sentejn jew iktar. Dan ir-rieżami la jkopri tranżazzjonijiet ta' kreditu ta' esportazzjoni fit-terminu l-qasir[2] u lanqas ma jkopri attivitajiet imwettqa minn ċerti Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs - Export Credit Agencies) lil hinn mill-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni (bħall-assigurazzjoni tal-investimenti). Jeħtieġ li jkun innotat ukoll li fil-każ ta' xi Stati Membri, il-funzjoni ta' Aġenzija ta' Kreditu għall-Esportazzjoni ssir minn kumpanija tal-assigurazzjoni li topera b'mandat pubbliku. F'każijiet bħal dawn, il-ġestjoni tal-programm pubbliku ta' kreditu għall-esportazzjoni huwa strettament separat mill-attivitajiet l-oħra tas-settur privat (dawn tal-aħħar naturalment mhumiex is-suġġetti tar-rieżami preżenti).

Il-Kummissjoni tinnota r-Riżoluzzjoni adottata fit-2 ta' Lulju 2013 mill-Parlament Ewropew dwar l-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011[3] u ġibdet l-attenzjoni partikolari tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din ir-Riżoluzzjoni - bħar-rakkomandazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni u l-Kummissjoni biex jikkonsultaw mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija tar-rappurtar.

2. Rapporti ta' Attività Annwali li waslu għas-sena kalendarja 2016:

Waslu Rapporti Annwali tal-Attività mill-Istati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

[1] ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq terminu qasir, tapplika għal dawn it-tranżazzjonijiet.

[3] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-ewwel rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet tal-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri (2012/2320 (INI).

Is-seba' Stati Membri li jifdal (Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta) ma kellhomx programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni attivi fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 matul is-sena rrappurtata.

3. Analiżi tar-Rapporti ta' Attività Annwali:

a) Informazzjoni ġenerali u finanzjarja:

Il-qafas regolatorju applikabbli (Regolament (UE) Nru 1233/2011) jistabbilixxi r-regoli ġenerali għal tranżazzjonijiet u programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Minkejja li bosta gvernijiet Ewropej waqqfu ECA, l-ambitu u t-tip ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni pprovduti, kif ukoll l-istruttura organizzazzjonali tal-aġenzija, ivarjaw bejn l-Istati Membri.

F'xi Stati Membri, l-ECA tkun dipartiment jew aġenzija governattiva. F'oħrajn, kumpanija tal-assigurazzjoni twettaq din il-funzjoni skont mandat pubbliku u taħt is-superviżjoni tal-gvern. Hi ħaġa komuni li l-Istati Membri li joffru kategoriji differenti ta' sostenn ta' kreditu għall-esportazzjoni jkollhom aktar minn ECA waħda (eż. aġenzija li tipprovdi sostenn uffiċjali fil-forma ta' garanzija jew "kopertura sempliċi" tat-tip ta' assigurazzjoni u aġenzija oħra li tipprovdi sostenn tat-tip ta' rata tal-imgħax). Fl-2016, 21 Stat Membru tal-UE pprovdew programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn il-programmi huma ġestiti minn total ta' 29 aġenzija u dipartimenti governattivi differenti.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri espandew l-għodod tagħhom tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni f'dawn l-aħħar snin. Fir-rigward tat-tipi ta' sostenn għall-kreditu għall-esportazzjoni offrut minn ECAs Ewropej, l-aktar forma komuni tibqa' "kopertura sempliċi" (jiġifieri t-tranżazzjoni tal-esportazzjoni kkonċernata hija iffinanzjata minn bank kummerċjali, li għalih l-ECA tipprovdi garanzija jew kopertura tat-tip ta' assigurazzjoni). Il-21 Stat Membru kollha li jipprovdu krediti għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 matul il-perjodu ta' rappurtar joffru dan it-tip ta' sostenn. Ħmistax-il Stat Membru joffru wkoll forom oħrajn ta' sostenn koperti mir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 u l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali[4], bħal kreditu jew finanzjament dirett (fejn il-finanzjament hu pprovdut mill-ECA, mhux minn bank kummerċjali)[5], finanzjament mill-ġdid[6] jew skemi ta' sostenn għar-rata ta' imgħax[7]. Diversi Rapporti tal-Attività Annwali espliċitament isemmu wkoll il-finanzjament ta' proġetti[8], għajnuna marbuta,[9] u/jew għall-SMEs[10].

Ġeneralment evolva grad ogħla ta' konformità matul dawn l-aħħar snin hekk kif l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment beda jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet. Madankollu, dawn id-differenzi għandhom jiġu kkunsidrati għaliex dawn jagħmluha diffiċli li jiġi pprovdut tqabbil komplut li jagħti stampa sħiħa. L-ewwel nett, l-Istati Membri għandhom - fil-limitu tat-tipi ta' kreditu għall-

[4] L-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali jifforma anness għar-Regolament.

[5] Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit.

[6] L-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.

[7] Il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Polonja, u Spanja.

[8] Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja u n-Netherlands.

[9] L-Awstrija, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Polonja u Spanja.

[10] Il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija.

esportazzjoni ġenerali msemmija fil-paragrafu preċedenti - jiżviluppaw varjetà wiesgħa ta' programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li prodott partikolari jista' jkun komuni għal diversi ECAs, il-patti u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu jistgħu ma jkunux. It-tieni nett, l-impatt ta' programm ta' kreditu għall-esportazzjoni ovvjament jiddependi wkoll fuq il-karatteristiċi tal-ekonomija nazzjonali u fuq il-kapaċitajiet tas-settur finanzjarju privat.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżervi, it-tabella ta' hawn taħt li telenka l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat mill-31 ta' Diċembru 2016 tipprovdi mill-anqas idea ġenerali tad-daqs tal-akbar skemi tal-kreditu għall-esportazzjoni tat-tip "kopertura sempliċi"[11].

Appoġġ uffiċjali fil-forma ta' "kopertura sempliċi" fl-2016 (f'biljuni ta' euro) **L-ikbar fl-UE skont l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat**	
il-Ġermanja	89.7
Franza	68.7
l-Iżvezja	35.7
l-Italja	26.1
in-Netherlands	23.9

Kif diġà ssemma hawn fuq, l-ECAs Ewropej huma attivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma lil hinn mill-ambitu tar-rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn tal-aħħar essenzjalment ikopru attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni ta' terminu ta' żmien medju u twil (kif definit skont l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali). Madankollu, ħafna ECAs Ewropej joffru wkoll prodotti bħal krediti għall-esportazzjoni fuq terminu qasir, ittra ta' garanziji ta' kreditu, garanziji ta' riskju ta' manifattura u prodotti tal-assigurazzjoni għall-investiment. Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li diversi Stati Membri żviluppaw prodotti tal-kreditu għall-esportazzjoni speċifiċi għas-settur (pereżempju) tal-manifattura tal-inġenji tal-ajru u tal-vapuri. Huwa utli li wieħed iżomm dan f'moħħu meta jivvaluta r-rwol ekonomiku usa' tal-ECAs.

Fit-Taqsimiet II u IV tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar il-formola ta' rappurtar użata fir-Rapporti Annwali tal-Attività , kif ukoll fir-rapporti annwali tal-attività li bosta Stati Membri jirreferu espliċitament għalihom.

Kumplessivament, ir-Rapporti ta' Attività Annwali jipprovdu tagħrif finanzjarju importanti dwar il-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni fl-2016. Madankollu, jenħtieġ li jkun enfasizzat li skont ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011, dan ir-rappurtar irid isir skont il-qafas leġiżlattiv nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv. Dan jirriżulta f'xi differenzi fil-preżentazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda osservazzjonijiet speċifiċi dwar l-aspetti finanzjarji tar-Rapporti Annwali tal-Attività[12].

[11] Innota li r-Renju Unit elenka wkoll l-iskopertura għar-riskju nominali aggregat ta' £23.4 bn sa mill-31 ta' Marzu 2017.

[12] Skont l-Anness I, paragrafu 1, il-proċess ta' rappurtar preżenti huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri li jeżerċitaw is-sorveljanza tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni nazzjonali.

b) Trattament ta' "riskji ambjentali, li jistgħu jġibu magħhom riskji rilevanti oħrajn":

Skont il-Paragrafu 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 l-Istati Membri fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħhom *"għandhom jiddeskrivu kif ir-riskji ambjentali, li jistgħu jwasslu għal riskji rilevanti oħra, qed jittieħed kont tagħhom fl-attivitajiet tal-kreditu għall-esportazzjoni b'sussidju uffiċjali tal-ECAs tagħhom."*

Ir-riskji ambjentali qed jingħataw dejjem aktar attenzjoni mill-Istati Membri u għandhom rwol importanti biex ikun determinat jekk hux se jkun ipprovdut appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni jew le. Għaldaqstant, l-Istati Membri żviluppaw proċessi interni biex jevalwaw ir-riskji inkwistjoni. Fejn ir-riskji involuti huma meqjusa li huma inaċċettabbli u sproporzjonati, ma tkun ipprovduta l-ebda kopertura. Fejn ir-riskji huma meqjusa bħala aċċettabbli, is-sostenn ta' krediti għall-esportazzjoni huwa tipikament marbut u kontinġenti għall-miżuri ta' mitigazzjoni u mal-konformità ma' ċerti standards. Hemm enfażi akbar fuq il-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet fir-rapporti dwar l-2016[13]. Fil-prattika l-konverġenza tintwera wkoll, pereżempju, permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri differenti ta' valutazzjoni skont il-kategorizzazzjoni tat-tranżazzjoni, kif deskritt b'mod espliċitu minn xi Stati Membri[14].

Fir-rigward ta' Stati Membri li għandhom bosta ECAs, l-Istati Membri żviluppaw kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-aġenziji sabiex jevalwaw ir-riskji ambjentali. Tipikament, fejn aktar minn aġenzija waħda tkun involuta fit-tranżazzjoni, bħal meta t-tranżazzjoni tirċievi mhux biss garanzija ta' kreditu għall-esportazzjoni iżda wkoll appoġġ għar-rata tal-imgħax, aġenzija waħda hija indikata b'mod ċar biex tiżgura li t-tranżazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti fir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta Ambjentali u Soċjali. Eżempji ta' din il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji jinkludu l-Italja u r-Repubblika Ċeka.

Il-paragrafu 2 tal-Anness I isemmi kemm ir-riskji ambjentali u kif ukoll riskji rilevanti oħrajn, li l-Istati Membri interpretaw b'mod wiesa'. Fil-fatt, diversi Stati Membri jirreferu espliċitament għall-impatti soċjali wkoll[15], bħad-drittijiet tal-bniedem[16]. Dawn ir-riskji jistgħu jiġu vvalutati minn esperti indipendenti esterni jew, aktar u aktar, permezz ta' speċjalisti f'kull ECA.

Ħafna Stati Membri jirreferu b'mod partikolari għall-proċeduri li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti ta' Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment u Diliġenza Dovuta Soċjali (l-"Approċċi Komuni"), li ġew aċċettati u kisbu forza normattiva anki lil hinn mis-sħubija tal-OECD. Il-Bulgarija, pereżempju, tapplika r-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar it-Tixħim. Filwaqt li ma implimentatx ir-rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għall-Ambjent, u lanqas l-aspetti relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem, hija tibqa' "miftuħa" li tintegra dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Ċerti Stati Membri japplikaw ukoll l-Approċċ Komuni lil hinn mill-

[13] Eż. il-Belġju, l-Italja, ir-Rumanija.
[14] Pereżempju, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, ir-Repubblika Slovakka u Spanja.
[15] eż. l-Awstrija. il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[16] L-Awstrija, il-Ġermanja u l-Iżvezja.

ambitu rrakkomandat sabiex jagħtu aktar skrutinju lil saħansitra aktar varjetà ta' tranżazzjonijiet[17].

Madankollu, f'xejra riċenti, bosta Stati Membri jħarsu wkoll lil hinn mill-Approċċi Komuni u bdew jagħmlu referenza għal standards internazzjonali oħra minbarra Approċċi Komuni bħall-Politiki ta' Salvagwardja tal-Bank Dinji[18], il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[19], id-Dikjarazzajoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol[20], il-Prinċipji tal-Ekwatur[21] u l-Istandards ta' Prestazzjoni Ambjentali u Soċjali tal-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali[22]. Ix-xejra reċenti oħra hija l-inklużjoni ta' inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima f'dan il-kuntest, inkluż referenza għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[23]. Fl-aħħar nett, ċerti Stati Membri semmew ukoll l-impenn kontinwu tagħhom lejn it-titjib u l-iżvilupp ta' dixxiplini eżistenti. Il-Finlandja, pereżempju, ġibdet l-attenzjoni għall-parteċipazzjoni tagħha fi gruppi ta' ħidma bejn l-ECAs kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali usa', din tal-aħħar kienet ċitata wkoll mir-Renju Unit. In-Netherlands, pereżempju, qed tiżviluppa għodod proprji ta' diliġenza dovuta biex jirrieżaminaw l-implikazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tat-tranżazzjonijiet. Xi Stati Membri rrappurtaw dwar il-bidliet li saru fil-politiki proprji tagħhom fl-2016, li turi l-valutazzjoni u r-rieżami interni kontinwi.

B'mod ġenerali għalhekk, l-Istati Membri interpretaw ir-riskji ambjentali u dawk assoċjati b'mod wiesa'. It-tranżazzjonijiet huma vvalutati mhux biss fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali iżda wkoll fi-dawl ta' kunsiderazzjonijiet oħra. L-Istati Membri wrew mhux biss l-integrazzjoni tal-Approċi Komuni fil-politiki ta' kreditu għall-esportazzjoni iżda, aktar ma jmur, anki standards internazzjonali oħra u wrew impenn lejn evoluzzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward. L-Approċċi Komuni stess ġew riveduti fl-2016, wara kooperazzjoni internazzjonali b'suċċess minn bosta Stati Membri biex iġeddu r-rakkomandazzjonijiet.

c) Informazzjoni oħra fir-Rapporti Annwali tal-Attività

Minbarra l-informazzjoni diġà msemmija fit-taqsimiet 3a) u b) hawn fuq, il-21 Rapport Annwali tal-Attività juru li l-Istati Membri żviluppaw politiki dwar il-krediti għall-esportazzjoni b'mod aktar ġenerali relatati mal-ambjent, kontra t-tixħim u self sostenibbli lil pajjiżi bi dħul baxx. It-tliet Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-OECD [24]għandhom rwol ewlieni – iżda mhux esklussiv. Anki Stati Membri li mhumiex Membri tal-OECD japplikaw dawn l-istrumenti jew, fil-prinċipju, għandhom l-intenzjoni jagħmlu dan. Bosta Stati Membri partikolarment jiddikkjaraw li l-"Approċċi Komuni" huma applikati lil hinn mill-ambitu tal-OECD[25]. Barra minn hekk, il-politiki tal-Istati Membri jiġu infurmati permezz ta' standards

[17] Il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u Spanja.
[18] Ir-Repubblika Slovakka.
[19] Il-Finlandja u n-Netherlands.
[20] In-Netherlands.
[21] Ir-Renju Unit.
[22] In-Netherlands u r-Repubblika Slovakka.
[23] Pereżempju, il-Belġju u l-Ġermanja.
[24] 1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar Approċċi Komuni għal Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati Uffiċjalment u d-Diliġenza Dovuta Soċjali (l-hekk imsejħa *"Approċċi Komuni"*) 2. Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Korruzzjoni u l-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati. 3. Il-Prinċipji u Linji Gwida għall-Promozzjoni ta' Prattiki ta' Self Sostenibbli fid-dispożizzjoni tal-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjali għal Pajjiżi bi Dħul Baxx
[25] Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.

internazzjonali, bħal pereżempju l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[26] u l-acquis tal-UE usa' inkluż, pereżempju, ir-Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment[27]. Ir-referenzi frekwenti għall-"obbjettivi", l-"istandards" u l-"linji gwida" tal-UE juru li l-istrumenti leġiżlattivi vinkolanti kif ukoll li mhumiex huma kkunsidrati u li l-ispirtu huwa importanti daqs l-interpretazzjoni letterali tal-liġi.

Barra minn hekk, għadd dejjem akbar ta' Stati Membri jinvokaw objettivi jew kunsiderazzjonijiet politiċi addizzjonali li jikkomplementaw dawk minquxa fl-Approċċi Komuni. Eżempji jinkludu l-ugwaljanza bejn is-sessi,[28] is-sostenibbilità soċjali[29] u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali[30]. F'bosta każijiet, l-ECAs ikkonċernati żviluppaw strumenti rilevanti huma stess. Eżempju ta' dan jista' jkun politika ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva,[31] li tipikament tinvolvi mhux biss l-isforzi interni iżda wkoll djalogu mill-qrib mal-klijenti tal-ECA[32].

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, xejriet ġodda jinkludu enfasi fuq is-sostenibbiltà[33] u fl-emissjonijiet[34]. Bħal fl-eżerċizzju ta' rappurtar preċedenti, bosta Stati Membri jsemmu l-importanza partikolari tad-drittijiet tal-bniedem. Kważi r-rapporti kollha jkomplu jirriflettu s-sostenn għall-iżvilupp ta' dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Approċċi Komuni l-ġodda. F'xi każijiet, is-suġġett huwa direttament marbut mad-drittijiet tax-xogħol[35].

B'mod ġenerali, il-politiki tal-Istati Membri dwar l-ECAs kellhom it-tendenza li joqorbu lejn xulxin. Eżempju ta' dan huwa f'miżuri kontra t-tixħim. Ħafna Stati Membri jeħtieġu dikjarazzjoni ffirmata kontra t-tixħim mill-partijiet involuti u jiddikjaraw espliċitament li l-kopertura awtomatikament invalidata b'konstatazzjoni ta' tixħim. Fil-Portugall, pereżempju, il-garanziji COSEC mhumiex validi meta jkun hemm evidenza ta' tixħim. Għadd dejjem jiżdied ta' Stati Membri jsemmu wkoll l-importanza tal-monitoraġġ[36] u huma jinkoraġġixxu attivament lill-banek u lill-esportaturi biex jiżviluppaw miżuri proprji kontra t-tixħim[37].

Ħafna Stati Membri żviluppaw għodod speċifiċi ta' kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim addizzjonalment ma' konformità mal-Approċċi Komuni, bħal miżuri tal-karta tal-etika[38] jew l-iżvelar ta' informazzjoni protetta[39]. Il-miżuri kontra l-ħasil tal-flus huma wkoll dejjem aktar kwotati bħala prijorità,[40] flimkien mal-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu[41].

Bl-istess mod, il-konverġenza hija murija mill-aderenza mill-qrib mar-rekwiżiti tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali msemmija minn bosta Stati Membri fir-rigward ta' prattiki ta' self sostenibbli lil pajjiżi bi dħul baxx.

---

[26] Id-Danimarka, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja.
[27] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012
[28] Ir-Renju Unit.
[29] Ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, Spanja.
[30] L-Iżvezja.
[31] Il-Belġju, id-Danimarka, l-Italja, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[32] eż. il-Belġju.
[33] Ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja.
[34] Il-Belġju u d-Danimarka.
[35] Id-Danimarka u l-Isvezja.
[36] L-Italja u r-Renju Unit.
[37] Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Polonja.
[38] Il-Lussemburgu.
[39] Ir-Repubblika Slovakka.
[40] Il-Bulgarija, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja.
[41] Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Iżvezja.

L-Istati Membri huma wkoll attenti li jiżguraw li l-ECAs joperaw bl-aktar mod trasparenti possibbli, filwaqt li tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità li tista' tkun meħtieġa għal tranżazzjonijiet kummerċjali. Attenzjoni partikolari ngħatat lil kwistjoni minn ċerti Stati Membri fir-Rapporti Annwali tal-Attività fir-rigward tal-2016[42].

Allura hu ċar li l-Approċċi Komuni tal-OECD ġew integrati b'mod sħiħ fil-politiki ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri. Barra minn hekk, kif juru diversi kunsiderazzjonijiet inklużi hawn fuq, l-Approċċi Komuni qegħdin kull ma jmur isiru dejjem aktar standard *minimu*. F'ħafna oqsma, l-Istati Membri japplikaw il-miżuri addizzjonali tagħhom stess sabiex jiżguraw li l-appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni huwa disponibbli biss għal tranżazzjonijiet li jissodisfaw sett strett ta' standards li jvarjaw mill-ħarsien tal-ambjent soċjali.

d) Konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni:

Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, Rapport Annwali tal-Attivitajiet, li jirrapporta b'konformità mal-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom ċerta informazzjoni finanzjarja u operazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif ir-riskji ambjentali huma indirizzati.

Skont il-Paragrafu 3 tal-Anness I "*il-Kummissjoni għandha tipproduċi rieżami annwali għall-Parlament Ewropew ibbażat fuq din l-informazzjoni, inkluża evalwazzjoni rigward il-konformità tal-ECAs mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni"*.

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jelenka l-objettivi ġenerali tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tiegħu u l-prinċipji u l-objettivi tal-Azzjoni Esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 21 tiegħu.

Fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-UE, issir referenza għall-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 206 u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta l-Kummissjoni Ewropea tinnota li l-Istati Membri b'attivitajiet ta' kreditu għall-esportazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, stabbilixxew politiki li jakkumpanjaw il-ġestjoni tal-programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni li huma konformi mal-objettivi tal-UE. Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Politika speċifiċi għall-kreditu żviluppati fl-OECD - l-unika organizzazzjoni internazzjonali li żviluppat regoli speċjalizzati għal dan il-qasam ta' politika - huma f'użu komuni, iżda l-attivitajiet rilevanti mill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dan il-livell.

Kif imsemmi f'Rieżamijiet Annwali preċedenti, b'reazzjoni għal rakkomandazzjoni fir-Riżoluzzjoni imsemmija hawn fuq mill-Parlament Ewropew ta' Lulju 2013 dwar gwida għal eżerċizzji futuri ta' rappurtar, il-Kummissjoni tirrakkomanda li tintuża notevolment il-ħidma tal-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ internazzjonali (inkluż in-NU) bħala gwida għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika. Ir-rapporti tal-Istati Membri, fuq livell differenti, diġà jużaw tali strumenti internazzjonali bħala referenzi u l-Kummissjoni tħeġġeġ ħidma ulterjuri f'din id-direzzjoni. Aktar djalogu mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tal-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem ikun kruċjali wkoll.

Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar jekk l-Istati Membri humiex konformi mal-objettivi u l-obbligi tal-Unjoni; il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-

[42] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, Franza u l-Polonja.

rieżami annwali tagħha skont l-Anness 1 abbażi tar-Rapporti Annwali tal-Attività ppreżentat mill-Istati Membri, u tqis li fid-dawl tal-informazzjoni li tinsab fihom, l-ECAs huma konsistenti mal-Artikoli 3 u 21 tat-TUE. Naturalment, l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jixtiequ li jistabbilixxu b'mod konġunt miri aktar ambizzjużi tal-politika. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tiffaċilita u tippromwovi djalogu interistituzzjonali f'dan ir-rigward iżda fil-frattemp trid twettaq l-evalwazzjoni tagħha f'konformità mal-Paragrafu 3 tal-Anness 1.

Fir-rigward tal-konformità mal-obbligi internazzjonali u l-obbligi skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, ma kien hemm l-ebda tilwim fil-livell tad-WTO li jinvolvi programmi Ewropej ta' kreditu għall-esportazzjoni matul il-perjodu ta' rappurtar. Fl-2016 il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment li jikkonċerna ksur potenzjali tal-liġi tal-UE li jinvolvi aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni.